På det civilretlige område vil verserende sager og sager, der er indledt inden overgangsperiodens udløb, fortsætte i henhold til EU-retten. E-Justice-portalen vil – i overensstemmelse med en aftale med Det Forenede Kongerige – fortsat indeholde relevante informationer vedrørende Det Forenede Kongerige indtil udgangen af 2024.

**Jekk it-talba tiegħi (minn pajjiż ieħor) se titqies f'dan il-pajjiż**

Skotland

**Liema awtorità tiddeċiedi dwar pretensjoni għal kumpens f'każijiet transfruntiera?**

**Criminal Injuries Compensation Authority (CICA)**
Alexander Bain House
Atlantic Quay
15 York Street
G2 8JQ
Glasgow
Telefon: 00 44 300 003 3601
Sit Web: https://www.gov.uk/government/organisations/criminal-injuries-compensation-authority

**Nista' nibgħat il-pretensjoni tiegħi direttament lill-awtorità li tiddeċiedi f'dak il-pajjiż anki f'każijiet transfruntiera (mingħajr ma jkolli bżonn ngħaddi mingħand l-awtorità ta' assistenza f'pajjiżi)?**

Aħna naċċettaw applikazzjoni direttament mingħandek mingħajr ma jkollok tgħaddi mill-awtorità ta' assistenza f'pajjiżek.

**B'liema lingwa/i l-awtorità/awtoritajiet tal-kumpens jaċċettaw:**

il-pretensjoni?
id-dokumenti ta' sostenn?
Il-preferenza tagħna hija li nirċievu dawn id-dokumenti bl-Ingliż.

**Jekk l-awtorità li tkun qed tipprovdi l-kumpens tittraduċi l-pretensjoni/id-dokumenti ta' sostenn minn pajjiż ieħor tal-UE, min iħallas għal dan?**

Aħna nħallsu għal dawn it-traduzzjonijiet.

**Hemm xi spejjeż amministrattivi jew spejjeż oħra li għandhom jitħallsu f'dan il-pajjiż biex tiġi pproċessata l-pretensjoni tiegħi (li tkun waslet minn pajjiż ieħor tal-UE)? Jekk iva, kif nista' nħallashom?**

Aħna ma nitolbu l-ebda ħlas għas-servizzi tagħna.

**F'każ li jkolli bżonn inkun preżenti waqt il-proċedura u/jew waqt li tkun qed tiġi deċiża l-pretensjoni tiegħi, nista' niġi rimborżat għall-ispejjeż tal-ivjaġġar tiegħi? Kif nista' nippreżenta pretensjoni għalihom? Lil min għandi nikkuntattja?**

Aħna nipproċessaw l-applikazzjonijiet u nikkorrispondu mal-applikanti bil-miktub. M'għandekx bżonn tkun prezenti.

**Jiġi pprovdut interpretu, f'każ li jkolli nkun personalment preżenti?**

Mhux applikabbli.

**Iċ-ċertifikati mediċi, li jingħataw mit-tobba fil-pajjiż ta' residenza tiegħi, jiġu aċċettati jew rikonoxxuti – jew is-saħħa/il-korriment tiegħi jrid jiġi eżaminat mill-esperti mediċi tagħkom stess?**

Aħna naċċettaw rapporti minn professjonisti mediċi kkwalifikati f'pajjiżi oħra.

**Ser niġi rimborżat(a) għall-ispejjeż tal-ivjaġġar tiegħi, jekk ikolli nagħmel eżami mediku f'dan il-pajjiż?**

Aħna ma nħallsux l-ispejjeż tal-ivvjaġġar.

**Kemm tieħu żmien bejn wieħed u ieħor biex l-awtorità/korp jiddeċiedi dwar pretensjoni għal kumpens?**

Aħna nimmiraw li nirriżolvu każijiet sempliċi fi żmien 12-il xahar minn meta jiġu rċevuti. Il-każijiet kumplessi jieħdu aktar żmien. Aħna ma nagħtux deċiżjoni finali dwar il-każ tiegħek jekk it-trattament mediku tiegħek għadu għaddej jew il-livell ta' rkupru mhux magħruf.

**B'liema lingwa se nirċievi d-deċiżjoni dwar il-pretensjoni tiegħi?**

Aħna se jikkorrispondu miegħek bl-Ingliż.

**Jekk ma nkunx sodisfatt(a) bid-deċiżjoni, kif nista' nikkontestaha?**

Jekk ma taqbilx mad-deċiżjoni oriġinali u tixtieq li nirreveduha, trid tibgħatilna l-applikazzjoni bil-miktub tiegħek għal reviżjoni fi żmien 56 jum mid-data tad-deċiżjoni oriġinali. Ikollok bżonn tehmeż evidenza addizzjonali li tixtieq li tiġi kkunsidrata bħala sostenn għat-talba tiegħek.
Meta nirċievu t-talba tiegħek għal reviżjoni flimkien mal-informazzjoni kollha ta' sostenn, uffiċjal għall-pretensjonijiet, li ma jkunx dak li jkun ħa d-deċiżjoni oriġinali, jikkunsidraha. Id-deċiżjoni ta' reviżjoni tista' ssir aktar jew inqas favorevoli mid-deċiżjoni oriġinali, jew id-deċiżjoni oriġinali tista' ma tinbidilx.
Jekk ma taqbilx mad-deċiżjoni ta' reviżjoni, int tista' tappella lit-Tribunal tal-Ewwel Livell (Kumpens għal Korrimenti Kriminali) skont ir-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal. Int tista' ssib dawn ir-regoli fuq is-sit web tat-Tribunal tal-Ewwel Livell.

**Nista' ningħata għajnuna legali (għajnuna mingħand avukat) taħt ir-regoli tal-pajjiżi l-ieħor?**

Ma għandekx bżonn ta' rappreżentant imħallas bħal avukat jew kumpanija ta' maniġment ta' pretensjonijiet biex titlob kumpens. Jekk tagħżel rappreżentazzjoni mħallsa ma nistgħux inħallsu l-ispejjeż ta' dan, u jkollok tħallas dawn l-ispejjeż int stess.

**F'dan il-pajjiż, hemm xi organizzazzjonijiet li joffru appoġġ lill-vittmi li jistgħu jgħinuni nitlob kumpens f'każ transfruntier?**

Tista' tikkuntattja lis-Servizz tal-Informazzjoni għall-Vittmi u x-Xhieda għall-għajnuna bl-applikazzjoni tiegħek.

L-aħħar aġġornament: 02/10/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.